# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 5 ta' Mejju, 2016**

**Talba Nru: 857/2015/VG**

**Strand Palace Agencies Limited [C-3838]**

**Vs**

**Joseph SAMMUT**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-30 ta' Ottubru, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' hames mija u erbghin euro [€540] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Ammont dovut ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta attrici lill-konvenut.
>
> Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Awwissu, 2015 u bl-imghax legali mit-30 ta' Novembru 2011 data ta' l-

ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni".

**Ra li l-intimat deher fis-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal illum u ammetta li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti, flimkien ma l-imghaxijiet relattivi, huwa dovut minnu.**

Semgha d-dikjarazzjoni ta' l-intimat li minhabba l-posizzjoni finanzjarja tieghu huwa ma setghax ihallas aktar minn hamsin euro (€50) fix-xahar.

Ra li l-Avukat Dottor Anthony Cutajar ghas-socjeta rikorrenti qabel ma dak suggerit mill-intimat ghar-rigward tal-hlasijiet mensili.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' hames mija u erbghin euro [€540] ammont dovut ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata minnha lill-intimat.

Ikkunsidra;

2. L-intimat deher fis-seduta tal-lum u ammetta li huwa ghandu jaghti l-ammont ta' hames mija u erbghin euro [€540] flimkien ma l-imghaxijiet lis-socjeta rikorrenti.

3. L-intimat, stqarr pero li minhabba l-posizzjoni finanzjarja tieghu huwa ma setax ihallas aktar minn hamsin euro (€50) fix-xahar l-ammont dovut.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. In vista ta' din l-ammissjoni da parti ta' l-intimat, t-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta' hames mija u erbghin euro [€540], flimkien ma l-imghaxijiet dovuti, huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' hames mija u erbghin euro [€540] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' l-ahhar konsenja u cioe mit-30 ta' Novembru, 2011, sad-data tal-hlas effettiv.

In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-intimat, li maghha qabel id-difensur tas-socjeta rikorrenti, it-Tribunal qieghed jordna li l-ammont hawn fuq dikjarat bhala dovut, flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi, ghandu jithallas f'rati mensili ta' hamsin euro (€50) kull xahar bl-ewwel pagament ikun dovut fit-30 ta' Mejju, 2016 u imbaghad kull l-ahhar jum tax-xahar sussegwenti sakemm id-debitu jigi saldat. F'kaz li l-intimat jonqos milli jhallas pagament wiehed, allura l-ammont kollu jiġi dovut minnufih flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi.

L-ispejjez huma kollha a karigu ta' l-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**